Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 32/21**
il-Lussemburgu, 4 ta' Marzu 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-362/19 P
Il-Kummissjoni vs Fútbol Club Barcelona

# Il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali li permezz tagħha d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikklassifika bħala għajnuna mill-Istat is-sistema fiskali ta' erba' klabbs tal-futbol professjonali Spanjoli kienet ġiet annullata

*Ir-rikors li kien ġie ppreżentat kontra din id-deċiżjoni mill-Fútbol Club Barcelona huwa definittivament miċħud*

Liġi Spanjola adottata fl-1990 kienet tobbliga lill-klabbs sportivi professjonali Spanjoli kollha jittrasformaw ruħhom f'kumpanniji sportivi pubbliċi b'responsabbiltà limitata sportivi, bl-eċċezzjoni ta' klabbs sportivi professjonali li kisbu riżultat pożittiv waqt is-snin finanzjarji li jippreċedu l-adozzjoni ta' din il-liġi. Il-Fútbol Club Barcelona, kif ukoll tliet klabbs oħra tal-futbol professjonali li kienu jaqgħu fl-ambitu ta' din l-eċċezzjoni – il-Club Atlético Osasuna (Pamplona), l-Athletic Club (Bilbao) u r-Real Madrid Club de Fútbol (Madrid) –, kienu għalhekk għażlu li jkomplu joperaw taħt il-forma ta' persuni ġuridiċi mingħajr skop ta' lukru u kienu jibbenefikaw, f'dan ir-rigward, minn rata speċifika ta' taxxa tad-dħul tagħhom. Peress li din ir-rata speċifika ta' taxxa baqgħet iktar baxxa, sal-2016, mir-rata applikabbli għall-kumpanniji sportivi pubbliċi b'responsabbiltà limitata l-Kummissjoni qieset, permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Lulju 2016 [1], li billi kienet tintroduċi vantaġġ fiskali fil-qasam tat-taxxa fuq il-kumpanniji favur l-erba' klabbs ikkonċernati, din il-leġiżlazzjoni kienet tikkostitwixxi skema ta' għajnuna illegali u inkompatibbli, u ordnat lil Spanja ttemmha u tirkupra l-għajnuna individwali mħallas lill-benefiċjarji tal-imsemmija skema.

Adita b'rikors ippreżentat mill-FCB kontra d-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' sentenza tas-26 ta' Frar 2019 [2], annullat din id-deċiżjoni minħabba li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet, suffiċjentement kif meħtieġ mil-liġi, l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku mogħti lill-benefiċjarji tal-miżura inkwistjoni. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni ma kinitx eżaminat suffiċjentement jekk il-vantaġġ li jirriżulta minn din ir-rata preferenzjali ta' taxxa setax jiġi paċut bir-rata ta' tnaqqis għal investiment mill-ġdid ta' profitti eċċezzjonali inqas favorevoli li kienet applikabbli għall-klabbs tal-futbol professjonali li joperaw taħt il-forma ta' persuni ġuridiċi mingħajr skop ta' lukru meta mqabbla ma' dik li kienet applikabbli għall-entitajiet li joperaw bħala kumpanniji sportivi pubbliċi b'responsabbiltà limitata.

**Fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Marzu 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li laqgħet it-talbiet tal-appell ippreżentat mill-Kummissjoni, annullat is-sentenza appellata.** Insostenn tal-appell tagħha, il-Kummissjoni qajmet aggravju uniku bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE għal dak li jikkonċerna, minn naħa, il-kunċett ta' "vantaġġ li jista' jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, kif ukoll, min-naħa l-oħra, l-obbligi tagħha fil-kuntest tal-eżami tal-eżistenza ta' għajnuna, b'mod partikolari mill-perspettiva tal-eżistenza ta' vantaġġ. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tispjega r-rekwiżiti probatorji li jaqgħu fuq il-Kummissjoni fl-analiżi intiża għad-determinazzjoni dwar jekk sistema fiskali tagħtix vantaġġ lill-benefiċjarji tagħha u, għalhekk, jekk din is-sistema tistax tikkostitwixxi "għajnuna mill-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

Evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

[1] Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2391 tal-4 ta' Lulju 2016, dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.29769 (2013/C) (ex 2013/NN) implimentata minn Spanja għal ċerti klabbs tal-futbol (ĠU 2016, L 357, p. 1).
[2] Sentenza tas-26 ta' Frar 2019, Fútbol Club Barcelona vs Il-Kummissjoni, T-865/16 (ara wkoll CP Nru 17/19).

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-fondatezza tal-aggravju uniku mqajjem insostenn tal-aepp, **il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata, fl-ewwel lok, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li d-deċiżjoni kontenzjuża kellha tiġi analizzata kemm bħala deċiżjoni relatata ma' skema ta' għajnuna** [3] **kif ukoll bħala deċiżjoni relatata ma' għajnuna individwali, ġaladarba l-Kummissjoni esprimiet ruħha wkoll, fid-deċiżjoni tagħha, fuq l-għajnuna mogħtija individwalment lill-erba' klabbs benefiċjarji, imsemmija b'isimhom.** Fil-fatt, fil-każ ta' skema ta' għajnuna, jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn l-adozzjoni ta' din l-iskema mill-għajnuna mogħtija fuq il-bażi tagħha. Miżuri individwali li sempliċement jimplimentaw skema ta' għajnuna jikkostitwixxu sempliċi miżuri ta' implimentazzjoni ta' skema ġenerali li ma għandhomx, bħala prinċipju, jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

Issa, f'dan il-każ, **il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-miżura kontenzjuża tirrigwarda tali skema ta' għajnuna peress li d-dispożizzjonijiet fiskali speċifiċi applikabbli għall-entitajiet mingħajr skop ta' lukru, b'mod partikolari r-rata preferenzjali ta' taxxa, jistgħu jkunu ta' benefiċċju, minħabba din il-miżura biss, għal kull wieħed mill-klabbs tal-futbol eliġibbli, iddefiniti b'mod ġenerali u astratt, għal perijodu u ammont indeterminati, u dan mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' miżuri supplimentari ta' implimentazzjoni u mingħajr ma dawn id-dispożizzjonijiet ikunu marbuta mat-twettiq ta' proġett speċifiku.** Għalhekk, **is-sempliċi fatt li**, f'dan il-każ, **għajnuna ngħatat individwalment lill-klabbs fuq il-bażi tal-iskema ta' għajnuna inkwistjoni ma jistax ikollu effett fuq l-eżami li l-Kummissjoni għandha twettaq għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' vantaġġ. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li tali ċirkustanza hija rilevanti.**

**Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-iżball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali jivvizzja l-konklużjonijiet misluta minn din tal-aħħar fir-rigward tal-portata tal-obbligi li għandha l-Kummissjoni għal dak li jikkonċerna l-prova tal-eżistenza ta' vantaġġ.** Fil-fatt, din il-premessa żbaljata wasslet lill-Qorti Ġenerali tqis li l-Kummissjoni jmissha ħadet inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-analiżi tagħha, mhux biss il-vantaġġ miksub li jirriżulta mir-rata preferenzjali ta' taxxa, iżda wkoll minn komponenti oħra tas-sistema fiskali inkwistjoni, li hija tqis li huma inseparabbli, bħall-possibbiltajiet ta' tnaqqis, sa fejn il-limitazzjoni tagħhom tista' tpaċi l-vantaġġ imsemmi iktar 'il fuq. Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, ċertament, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni globali tal-iskema ta' għajnuna billi tieħu inkunsiderazzjoni l-komponenti kollha li jikkostitwixxu l-karatteristiċi speċifiċi għaliha, kemm dawk favorevoli għall-benefiċjarji tagħha kif ukoll dawk sfavorevoli għalihom. Madankollu, l-eżami tal-eżistenza ta' vantaġġ ma jistax jiddependi mis-sitwazzjoni finanzjarja tal-benefiċjarji ta' din l-iskema fil-mument tal-għoti ulterjuri ta' għajnuna individwali fuq il-bażi tagħha. B'mod partikolari, **l-impossibbiltà li fil-mument tal-adozzjoni ta' skema ta' għajnuna jiġi ddeterminat l-ammont eżatt, għal kull sena fiskali, tal-vantaġġ effettivament mogħti lil kull wieħed mill-benefiċjarji tagħha, ma tistax tipprekludi lill-Kummissjoni milli tikkonstata li din l-iskema setgħet, sa minn dan l-istadju, tagħti vantaġġ lil dawn tal-aħħar u ma tistax, korrelattivament, teżenta lill-Istat Membru kkonċernat milli jissodisfa l-obbligu essenzjali tiegħu ta' notifika ta' tali skema.** Fil-fatt, għalkemm, kif aċċettat il-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, il-Kummissjoni kellha l-obbligu li tivverifika, fil-kuntest tal-analiżi ta' sistema fiskali, fuq il-bażi ta' tagħrif aġġornat, jekk il-vantaġġ effettivament immaterjalizzax ruħu matul is-snin fiskali kollha ulterjuri u, jekk ikun il-każ, jekk tali vantaġġ ġiex paċut bl-iżvantaġġi kkonstatati waqt snin fiskali oħra, l-Istati Membri li jonqsu mill-obbligu tagħhom ta' komunikazzjoni ta' tali skema jkunu jinsabu vvantaġġati mill-approċċ inkwistjoni. **Għalhekk, huwa biss fl-istadju tal-irkupru eventwali tal-għajnuna individwali mogħtija fuq il-bażi tal-iskema ta' għajnuna inkwistjoni li l-Kummissjoni għandha tivverifika s-sitwazzjoni individwali ta' kull benefiċjarju**, fejn tali rkupru jirrikjedi li jiġi ddefinit l-ammont eżatt tal-għajnuna li tagħha dawn tal-aħħar kellhom it-tgawdija effettiva matul kull sena fiskali.

F'dan il-każ, huwa paċifiku li, mill-mument tal-adozzjoni tagħha, l-iskema ta' għajnuna li tirriżulta mill-miżura kontenzjuża, sa fejn din kienet tagħti lil ċerti klabbs eliġibbli għal din l-iskema, li minnhom kien jagħmel parti l-FCB, il-possibbiltà li jkomplu joperaw, b'mod eċċezzjonali, bħala

[3] Fis-sens tal-Artikolu 1(d) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 [TFUE] (ĠU 2015, L 248, p. 9).

entità mingħajr skop ta' lukru, ippermettiet lil dawn tal-aħħar jibbenefikaw minn rata preferenzjali ta' taxxa meta mqabbel ma' dik applikabbli għall-klabbs li joperaw bħala kumpanniji sportivi pubbliċi b'responsabbiltà limitata. B'dan il-mod, **l-iskema ta' għajnuna inkwistjoni setgħet, sa mill-mument tal-adozzjoni tagħha, tiffavorixxi lill-klabbs li joperaw bħala entitajiet mingħajr skop ta' lukru meta mqabbla mal-klabbs li joperaw bħala kumpannija sportiva pubblika b'responsabbiltà limitata, u b'hekk tagħtihom vantaġġ li jista' jaqa' taħt l-Artikolu 107(1) TFUE. Minn dan isegwi li**, sabiex turi suffiċjentement kif meħtieġ mil-liġi li l-iskema ta' għajnuna inkwistjoni tagħti vantaġġ lill-benefiċjarji tagħha li jaqa' taħt l-Artikolu 107(1) TFUE, **il-Kummissjoni ma kinitx obbligata teżamina, fid-deċiżjoni kontenzjuża, l-effett tat-tnaqqis għal investiment mill-ġdid tal-profitti eċċezzjonali u lanqas dak tal-possibbiltajiet ta' posponiment fil-forma ta' kreditu ta' taxxa u, b'mod partikolari, jekk dan it-tnaqqis jew dawn il-possibbiltajiet ipaċux il-vantaġġ li jirriżulta mir-rata preferenzjali ta' taxxa**. Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkonstatat li, billi ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet obbligata twettaq tali eżami, jekk meħtieġ, billi titlob elementi ta' informazzjoni rilevanti, **il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi**. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza appellata fuq dan il-punt.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-konsegwenzi ta' dan l-annullament tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva, qabel kollox, li, sabiex jintlaqa' r-rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, huwa minnu li l-Qorti Ġenerali laqgħet, permezz tas-sentenza appellata, it-tieni motiv ibbażat, essenzjalment fuq analiżi inkompleta tal-eżistenza ta' vantaġġ, iżda qabel għamlet dan hija ċaħdet il-motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 49 TFUE, inkwantu l-Kummissjoni missha, skont il-FCB, ikkonstatat li l-obbligu fuq il-klabbs sportivi professjonali li jittrasformaw ruħhom f'kumpanniji sportivi pubbliċi b'responsabbiltà limitata kien kuntrarju għal-libertà ta' stabbiliment iggarantita minn din id-dispożizzjoni. Issa, f'tali ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li kien possibbli għall-FCB jew għal Spanja, intervenjent insostenn tat-talbiet tal-klabb tal-futbol, li jikkontestaw, fil-kuntest ta' appell inċidentali, il-fondatezza tar-raġunijiet għaċ-ċaħda tal-motiv inkwistjoni, minkejja li l-Qorti Ġenerali tkun laqgħet it-talbiet tagħhom għal raġunijiet oħra. Fl-assenza ta' tali appell, is-sentenza appellata hija għaldaqstant mogħnija bl-awtorità ta' *res judicata* fuq dan il-punt.

B'dan spjegat, **il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li t-tilwima tinsab fi stat li tiġi deċiża u, konsegwentement, billi tagħti deċiżjoni dwarha, hija tiċħad l-erba' motivi l-oħra invokati fl-ewwel istanza**, ibbażati rispettivament fuq żbalji li l-Kummissjoni wettqet waqt l-eżami tagħha tal-vantaġġ mogħti mill-miżura inkwistjoni, fuq il-ksur tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali, fuq il-ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE inkwantu l-Kummissjoni ma qisitx li l-miżura kontenzjuża kienet iġġustifikata mil-loġika interna tas-sistema fiskali inkwistjoni, kif ukoll tar-regoli applikabbli għall-irkupru ta' għajnuna eżistenti. **Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet ir-rikors ippreżentat mill-FCB.**

---

**NOTA:** Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*